# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 14**

**Avviz numru 529/01/SM**

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royalo & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Kevin Camilleri u l-istess Kevin Camilleri.**

**vs**

**Brian Tabone**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' mitejn u tmenin lira tnejn u erbghin centezmu (LM280.42,0) [Lm188.17,0 lis-socjeta' attrici**

**Elmo Insurance Agency Limited noe u LM92.25,0 lill-attur Kevin Camilleri] in liena ta' danni minnu kkagunati u minnhom sborsati meta fit-28 ta' Lulju 1999 go San Giljan dolozament u volontarjament ghamel hsara fil-vettura Nru AAD 267, proprjeta' tal-attur Kevin Camilleri – prevja dikjarazzjoni li ghal dawn id-danni obbligat jghamel tajjeb;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Novembru 2000, u bl-imghax legali mit-28 ta' Novembru 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-9 t'Ottubru tas-sena 2001 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**